**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 24 ta' Ottubru 2001**

**Numru 3**
**Citaz. Nru. 789/92 FD**

**Elizabeth Galea f'isimha proprju kif ukoll bhala legittima rapprezentanta ta' bintha minuri Nefretiri u b'digriet tas-16 ta' Lulju 1992 l-imsemmija Elizabeth Galea giet nominata kuratrici *ad litem* ta' l-imsemmija bintha minuri Nefretiri**

**Vs**

**Francis sive Frank Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut zewgha rrenda ruhu hati lejn l-attrici martu ta' adulterju, eccessi, sevizzji, swat u ingurji gravi, b'mod li rrenda l-hajja konjugali ta' bejniethom imppossibbli, u peress illi l-hajja matrimonjali bejn l-attrici u l-konvenut tkissret irrimedjabilment;

Premess illi miz-zwieg taghhom twieldet Nefretiri fit-13 ta' Ottubru, 1986;

Premess illi l-intimat m'huwiex qieghed imantni lil martu u lil bintu kif jista' jaghmel u kif inhu obbligat li jaghmel skond il-ligi;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tipronunzja s-separazzjoni personali bejn l-attrici u l-konvenut;

2. Tafda f'idejn l-attrici l-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija bintha minuri Nefretiri;

3. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

4. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkiwsti skond il-ligi u taqsam f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod illi jekk ikun il-kaz il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghal nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attrici;

5. Tassenja dawn iz-zewg porzjonijiet wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut bin-nomina

okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma u nomina ta' Nutar biex jippubblika l-atti opportuni u nomina ta' kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju lil jigi lilu prefiss minn dina l-Qorti l-oggetti kollha dotali u parafernali ta' l-attrici u fin-nuqqas jigi kkundannat ikhallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo minn perit nominandi;

7. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili u tigi moghtija lill-attrici l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

8. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghal bintha minuri dik ir-retta alimentari li tigi stabbilita minn din il-Qorti bil-modalita` ta' hin, lok u jum li tigi wkoll stabbilita.

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa kien jaqbel li z-zwieg bejn il-partijiet kien tfarrak irremidjabilment izda li dan kien gara bi htija ta' l-attrici u mhux ta' l-eccipjent;

Huwa ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet ghal bosta drabi lill-kontendenti;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi dina l-kawza ilha pendenti bosta snin u ghal tul ta' zmien il-partijiet kienu qed jippruvaw jaslu ghal separazzjoni konsenswali u ghalhekk ma tantx sar progess fiha;

Illi jrid jigi wkoll rilevat illi fil-mori ta' din il-kawza giet intavolata kawza ohra fl-istess ismijiet fejn intalbet id-dikjarazzjoni li xi kuntratti li kienu saru mill-konvenut kienu fittizji u kien hemm simulazzjoni u ghalhekk il-kawza odjerna kellha tistenna l-ezitu tal-kawza l-ohra dwar l-imsemmija kuntratti peress li l-ezitu ta' dina t-tieni kawza kien jincidi fuq il-konsistenza ta' l-assi tal-komunjoni illi skond

ic-citazzjoni odjerna kellhom jigu likwidati u divizi;

Illi barra t-talbiet relattivi ghax-xoljiment, likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-attrici permezz tac-citazzjoni odjerna talbet li l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti fid-dawl tan-nuqqasijiet minnha allegati, kif ukoll talbet il-kura u l-kustodja tat-tifla taghhom minuri Nefretiri u l-hlas tal-manteniment kemm ghall-attrici kif ukoll ghall-imsemmija minuri;

Illi dwar dawn it-talbiet l-ohra (cioe` oltre dik relattiva ghall-komunjoni ta' l-akkwisti) ghalkemm din il-kawza ilha pendenti tant snin, provi ma tressqux wisq hlief ghall-istqarrijiet taz-zewg partijiet u d-dikjarazzjoni ta' oht l-attrici; naturalment il-verzjonijiet mghotija miz-zewg partijiet huma konfligenti fil-bicca il-kbira ta' l-allegazzjonijiet maghmula u ghalhekk id-decizjoni ta' din il-vertenza tiddependi hafna fuq il-valutazzjoni tal-kredebilita` taz-zewg kontendenti. Mandankollu l-Qorti kellha okkazzjoni tisma' diversi darbi lill-kontendenti *viva voce* peress illi kienet taghmel mistoqsijiet li kienu jidhrulha relevanti kemm biex jigu stabbiliti l-fatti u kemm biex tkun tista' tivvaluta propriu l-kredibilita` tal-kontendenti; illi dan kien isir meta l-kontendenti kienu jaghtu x-xhieda taghhom bil-gurament quddiem il-Qorti jew iwiegbu anki ghad-domandi li kienu isiru nformalment waqt l-Udjenza;

Illi dana kollu jwassal ghall-konkluzjoni l-aktar cara li l-verzjoni tal-konvenut hija

inattendibbli waqt li dik ta' l-attrici, ghalkemm xi ftit imzewqa, kienet tirrispekkja l-verita` tal-fatti li tressqu quddiem il-Qorti;

Illi barra mill-imsemmija osservazzjonijiet soggettivi, ezami tad-dikjarazzjonijiet tal-konvenut juru sensiela ta' gideb pjuttost sfaccat li kwazi li jirrazenta d-disprezz;

Illi ta' min jinnota illi proprju wara li l-kawza thalliet finalment ghas-sentenza, wara sahansitra trattazzjoni ezawrenti, il-konvenut ittenta jerga' jtawwal din il-procedura b'referenza ghal atti estranei ghal din il-kawza u dana billi zeffen il-paternita` tat-tifla taghhom stess;

Illi l-Qorti ghandha toqghod fuq provi u l-atti li jingiebu quddiemha tul kwazi ghaxar (10) snin ta' "konflitt" legali qawwi, u ma tistax tifhem talba simili, meta l-istess konvenut proprju fl-ahhar Udjenza ghazel li jipproduci stqarrija tieghu u li giet immarkata bhala Dokument "Z" fejn dwar it-tifla komuni qal: "*Rigward it-tifla, dizgrazzjatament harget tixbah lili bl-asthma*";

Illi huwa tassew sintomatiku li proprju fl-istess dokument wara li semma din id-"*disgrazzja*" li bintu wirtet minghandu, qal ukoll "*... nghidlek li m'ghadnix interessat aktar fit-tifla u ser naghmel kull ma nista' biex innehhiha minn fuq ismi*";

Illi infatti in esekuzzjoni ta' kull ma seta' jaghmel ghal dan il-ghan, proprju hmistax (15) - il gurnata qabel id-data ta' din is-sentenza,

intavola l-imsemmi rikors li ghar-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq gie respint;

Illi kif tajjeb fehem il-konvenut sa mill-bidu ta' dawn il-proceduri (ara affidavit prezentat minnu fid-19 ta' Mejju 1994) "*l-inkwiet bejnietna beda minhabba l-flus u l-attrici qeghda taghmel minn kollox sabiex toskurali l-karattru tieghi halli tehodli kull sold li ghandi*";

Illi una volta fehem l-importanza tal-flus f'din il-kawza, il-Qorti ma tifhimx kif huwa ghazel li ma jwiegibx ghall-akkuzi li kienu saru fl-affidavit ta' l-attrici notifikat lilu ftit gimghat qabel, fejn hija kienet irreferit ghal proprjeta` immobiljari sostanzjali li hija allegat li kienet hallset ukoll ghaliha bi flus missierha, u li dwarha kienet giet intavolata kawza separata ghal simulazzjoni; wasal biss sa l-akkwist imma ghazel li ma jsemmi xejn dwar it-trasferiment li huwa ghamel favur terzi u li kien il-meritu tal-kawza l-ohra pprezentata mill-attrici bin-numru 1050/93 proprju fit-2 ta' Settembru 1993;

Illi l-attitudini tal-konvenut li turi b'mod assolut u lampanti kemm ma huwiex kredibbli dehret ukoll meta huwa pprova jevita u jahbi fix-xhieda li huwa ta quddiem il-Qorti fl-Udjenza tas-6 ta' Dicembru 1995 - kif evita li jaghti dettali dwar Alfred Galea li kien xtara minn ghandu u l-attrici qalet li kien proprju l-kugin tieghu, haga li rrizultat aktar tard mid-dokumenti esebiti - kif anqas ried jidentifika l-firma tieghu stess fuq dokument li kien intwera lilu seduta stante;

Illi jidher li l-kontendenti kellhom kont il-bank u l-glieda finali twieldet proprju meta l-attrici ma riditx ittih dawn il-flus. Hija xehdet: "*gie b'rabja kbira u talabni naghtih elfejn lira li kellna fil-bank ghax qal li kellna bzonnhom biex jaghmel depozitu ghal xi xoghol li qal li kien ser jaghmel. Jiena naturalment ma ridtx naghtih dawn il-flus ghax bl-ghajnuna taghhom kont qeghda nghix.*";

Illi fl-affidavit responsiv tieghu l-konvenut ma semma l-ebda cifra jew dettalji dwar dan il-kont pero` huwa ddikjara: "*Jiena kont hallejt il-ktieb tal-bank illi kien bearer f'idejn il-mara. Hawn beda l-inkwiet kollu. Hi ma riditx tuza l-flus li kien hemm fil-bank u dan ghal xejn b'xejn u jiena ma kellix aktar flus biex intiha u ghidtilha li ghal hajja kellha tuza minn hemm.*"

Illi l-attrici allegat ukoll l-adulterju tal-konvenut u qalet: "*sadanittant ahna rajnih ma' diversi nisa*"; semmiet ukoll li huwa kien gie imharrek quddiem il-Qorti tal-Magistrati talli fl-4 ta' Jannar 1991 fil-Marokk izzewweg lil Nejmi El Hassania mara ta' nazzjonalita` Marokkina waqt li kien ghadu jsehh zwieg legittimu; huwa tassew sinifikattiv ghall-kredibilta` tal-konvenut li dwar allegazzjonijiet tant serji huwa anqas biss ghamel referenza fl-affidavit responsiv tieghu illi gie biss ipprezentat ftit gimghat wara dak ta' l-attrici; l-unika referenza ghall-adulterju l-konvenut stqarr: "*rigward l-akkuza ta' l-attrici illi jiena nghix ma' xi mara ohra, dan nichdu, jiena nghix wahdi u ma ndahhalx nisa d-dar*"; din l-

istqarrija presumibilment tirreferi biss ghall-allegazzjoni maghmula fl-ahhar parti ta' l-affidavit ta' l-attrici u mhux dwar il-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu. Meta ghall-ahhar tal-kawza rega' qam dan il-punt huwa wiegeb: "*Qed nigi mistoqsi jekk jiena qattx gejt akkwuzat b'bigamija, inwiegeb li qatt ma giet ippruvata*" - risposta tassew ghaqlija;

Illi l-Qorti setghet tikkonstata li f'diversi punti ohra li qamu tul il-kawza, il-konvenut dejjem wera' ruhu illi jkun qieghed jigdeb; hekk issir riferenza ghax-xhieda tieghu wara li gew esebiti r-ritratti li juru lilu fuq il-pont tax-xoghol u l-karozza tieghu proprju tahtu, u x-xhieda tieghu dwar kif dejjem insista illi huwa qatt ma kien hadem u kien jghix biss bir-relief u l-inkuranament ta' dan il-gideb kollu kienet il-verzjoni illi huwa ta dwar l-i*scafolding* tieghu li kien intuza ghal xoghol governattiv fejn huwa tfixkel bejn tislef u tikri;

Illi jkun ukoll ta' utilita` li din il-Qorti tati harsa lejn il-process tal-kawza l-ohra fl-istess ismijiet bin-numru 1050/93 biex turi l-manuvri li pprova jeskogita l-konvenut halli jiskappricca lill-attrici, u huwa tassew sinifikattiv dak li ssottometta r-Relatur fl-imsemmija kawza l-ohra meta qal: "*Din il-konfoffa, din il-bawxata saret biex Frank Galea (bil-kollaborazzjoni ta' kuginuh Alfred Galea) jiffroda l-interessi ta' Elizabeth Galea*";

Illi bhala provi fil-kawza odjerna l-attrici, biex tiskredita l-verzjoni tal-konvenut, dwar il-meritu tat-talba rigwardanti s-separazzjoni,

oltre li tat ix-xhieda taghha ipprezentat ukoll diversi dokumenti importanti ghall-kaz u pprezentat ukoll affidavit ta' ohtha; minn dan jidher b'mod car li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici hija attendibbli u ghalhekk it-talbiet l-ohra sejrin jigu akkolti u senjatament jigi dikjarat li l-konvenut kien hati ta' adulterju fil-konfronti ta' l-attrici;

Illi l-konvenut ukoll minn naha tieghu pprova jitfa xi dell dwar l-attrici u semma li hija kienet qed tara lil haddiehor, pero` dwar dan ma ressaq l-ebda provi u ghalhekk il-Qorti ma ghandix alternattiva ohra hlief li tiskartahom kompletament;

Illi dwar il-kwistjoni dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti l-attrici pprezentat prospett li jindika d-diversi mobbili li kienu gew deskritti wara mandati appositi, liema mandati setghu jigu esegwiti biss wara li l-Marixxal tal-Qorti kien ottjena l-awtorizzazzjoni biex jisgassa il-fond li qabel kien id-dar matrimonjali tal-kontendenti; dawn l-oggetti maqbuda kienu f'idejn il-konvenut u jihder li disa' snin wara ghadhom f'idejh u ma jkunx opportun li jigu stmati fl-istat attwali taghhom; il-Qorti tifhem li jkun ahjar u jevita aktar dewmien u dizgwid lill-partijiet, li lil kull parti jigu assenjati dak kollu li prezentement jinsab fil-pussess taghhom u l-oggetti maqbuda (li jinkludu wkoll beni parafernali ta' l-attrici) jigu assenjati lill-konvenut bhala parti u akkont minn sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti u ssir l-ekwiparazzjoni mehtiega a tenur ta' l-artikoli vigenti tal-Kodici;

Illi l-valur tal-beni immobbli ghandu certu relevanza u ghalhekk id-divizjoni ta' tali assi ghandu jistabbilixxi l-bilanc dovut; fil-konsiderazzjoni tad-diversi kuntratti esebiti relattivi ghall-imsemmija proprjeta`, il-Qorti tirrileva li skond certifikat esebit mill-attrici fil-bidu tal-kawza iz-zwieg bejn il-kontendenti sehh fl-14 ta' Awissu 1977;

Illi skond nota pprezentata mill-attrici fis-27 ta' Gunju ta' din is-sena hija elenkat erba' proprjetajiet formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti; dawn il-proprjetajiet kollha nbnew fuq il-bicca art li l-konvenut u huh Richard kienu akkwistaw b'kuntratti ta' l-1974 u l-1978; fuq din l-art huma bnew stabbili u fid-divizjoni ta' bejniethom ta' l-20 ta' Frar 1980 huma qasmu kemm l-art kif ukoll il-beni li kienu tlestew u l-arja sovrastanti. Il-konvenut *inter alia* akkwista l-garages "A" u "C" markati fuq il-pjanta a fol. 167 tal-process;

Illi b'kuntratt ta' tlett(3) ijiem wara il-konvenut akkwista wkoll il-garage "B" li jinsab bejn dawk immarkati "A" u "C";

Illi b'kuntratt tad-29 ta' Novembru 1980 il-konvenut akkwista wkoll l-arja kollha ghal sular wiehed (256 m.k.) hlief ghal sbatax-il metru kwadru li jifforma parti minn "*entrance hall u stair well*", kif ukoll barra dan, 128 metri kwadri sovrastanti;

Illi fid-dawl ta' l-atti quddiemha l-Qorti tifhem li jkun gust u ekwu li l-konvenut izomm per saldu

ta' sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti sehem indiviz li fuqu hemm l-entrata u t-tarag, kif ukoll nofs indiviz ta' l-ewwel sular kollu (256 m.k. fl-intier) bil-benefikati fuqu, kif ukoll l-intier tal-parti li ghandu mill-arja fuq dan l-ewwel sular;

Illi jrid jigi wkoll rilevat li waqt il-mori tal-kawza l-konvenut ikkostitwixxa socjeta` kummercjali li fiha huwa l-azzjonista principali waqt li l-azzjonista minoritarju huwa proprju id-difensur tieghu personalment; irrizulta pero` illi dwar din is-socjeta` ma nghatawx wisq dettalji u ghalkemm l-iskopijiet taghha huma pjuttost ampji u jistghu jindikaw l-aspirazzjonijiet tal-konvenut li certament ma jindikawx bniedem li ilu jghix bir-relief ghal bosta snin, il-Qorti mhux ser tidhol aktar fuq dawn l-azzjonijiet li ghandhom jigu assenjati lill-konvenut;

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jzomm ukoll dawn ix-shares kollha fis-socjeta` Remses Limited, kif ukoll il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali u l-armar, l-ghodod u dak kollu li jinsab fil-pussess tieghu;

Illi minn naha l-ohra lill-attrici ghandhom jigu assenjati l-intier tat-tliet garages fil-livell tat-triq li huma mmarkati bl-ittri "A", "B" u "C" fil-pjanta imsemmija anki jekk jista' jkun li parti mill-art li fuqhom inbnew il-garages immarkati bl-ittri "A" u "B" setghu kienu jappartjenu lill-assi parafernali tal-konvenut; din id-decizjoni ser tinghata anke in forza tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 55 tal-Kap 16

bhala parti mill-manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici stante li jkun aktar opportun u prattiku li l-ammont li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici ghandu jigi mibdul fi proprjeta immobiljari;

Illi dwar it-talba ghall-manteniment il-Qorti hi perswaza li ghalkemm il-konvenut dejjem insista li huwa jghix b'dak li jtih il-Gvern f'ghajnuna socjali, huwa bniedem li dejjem hadem regolarment f'xoghol pjuttost retitizzju u ghandu introjtu ferm superjuri ghal dak stabbilit bhala l-paga minima nazzjonali;

Illi t-tifla komuni llum ghandha hmistax-il sena u l-Qorti tifhem li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi ghal manteniment taghha fis-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) fix-xahar u ser tipprovdi biex dawn il-pagamenti jibdew isiru regolarment;

Illi dwar il-manteniment, kif diga` intqal, li l-attrici personalment ghandha dritt tircievi minghand il-konvenut u li huwa qatt ma hallas la ghaliha u lanqas ghal binthom komuni, ikun opportun li oltre dak li gja intqal, dan jigi sostitwit f'beni immobbli u cioe` in-nofs indiviz ta' l-arja ghall-ewwel sular u kull benefikati li sar fuq dina l-arja, fuq il-256 metri kwadri akkwistati minghand huh u/jew minghand kuginuh Richard Galea u dan oltre is-sehem indiviz mill-entrata u t-tarag (17 m.k.) li jwasslu ghal dan is-sular.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba htijiet tal-konvenut liema htijiet jinkludu wkoll l-adulterju;

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda kif dedotta fic-citazzjoni u tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Nefretiri tigi moghtija f'idejn l-attrici;

Tilqa' t-Tielet Domanda u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti;

Tiddeciedi r-Raba', il-Hames, u s-Sitt Domandi billi tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti u tiddikjara li tikkonsisti fil-mobbli kollha elenkati fiz-zewg mandati esegwiti fuq talba ta' l-attrici u li jinsabu fid-dar matrimonjali tal-kontendenti u li hija proprjeta` parafernali tal-konvenut, l-ghodda u l-apparat tax-xoghol tal-konvenut, vetturi registrati f'isem il-konvenut u minnu wzati, kif ukoll l-immobbli elenkati fin-nota li l-attrici pprezentat fis-27 ta' Gunju 2001; u tiddividiha billi tassenja lill-konvenut il-mobbli kollha li prezentement jinsabu fil-pussess tieghu kif ukoll l-ghodda u l-apparat tax-xoghol professjonali tieghu oltre l-vetturi minnu wzati, kif ukoll il-beni immobbli indikati fl-imsemmija nota tas-27 ta' Gunju 2001 hlief ghal dawk illi sejrin jigu assenjati lill-attrici; jigu assenjtati lill-konvenut ukoll l-

azzjonijiet fis-socjeta` Remses Limited. Waqt li lill-attrici qed jigu assenjati per saldu ta' sehemha l-intier tat-tliet garages fis-sular tat-triq li huma immarkati bl-ittra "A", "B" u "C" fil-pjanta esebita a fol. 167 tal-process u dan anki jekk ghal xi parti mill-art li fuqha nbnew dawn il-garages hemm xi dritt ta' l-assi parafernali tal-konvenut; illi ghal manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici personalment, wara li jigi osservat li l-konvenut qatt ma hallas xejn bhala manteniment, minflok ammont li ghandu jithallas regolarment fil-futur il-Qorti qed tassenja lill-attrici oltre dak diciz aktar 'il fuq, in-nofs indiviz ta' l-arja ta' l-ewwel sular bil-benefikati kollha li saru fuq din l-arja li ghandha spazju ta' mitejn sitta u hamsin metri kwadri (256 m.k.) u dan oltre is-sehem indiviz mill-entrata u t-tarag (17 m.k.) li jwasslu ghal dan is-sular;

Tiddeciedi t-Tmien Domanda fis-sens illi oltre dak li intqal fil-paragrafu precedenti, l-konvenut ghandu jkun ikkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) fix-xahar ghas-sehem mill-manteniment tat-tifla taghhom Nefretiri b'dan li l-imsemmi ammont ghandu jigi dedott mid-Direttur tas-Servizz Socjali jew minn kull Enti iehor illi jhallas perjodikament lill-konvenut mill-ammont li jkun ser jithallas lilu u dina s-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) fix-xahar ghandha tintbaghat direttament mill-istess direttur jew enti governattiv u mhallsa lill-attrici; in vista ta' l-ahhar dikjarazzjonijiet tal-konvenut il-Qorti sejra tastjeni milli

tiddeciedi dwar il-modalita` ta' l-access imsemmija fit-Tmien Domanda;

Tilqa' wkoll is-Seba' Domanda kif dedotta fic-citazzjoni.

L-ispejjez jithallas mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur